GĦAXAQ

Minuti tal-laqgħa Nru. 5 tal-Kunsill Lokali Għaxaq li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar il-Hamis, 3 ta' Settembru 2009, fil-5.00 pm.

| **Preżenti** | **Il-Membri** |
|---|---|
| Is-Sindku | Is-Sur Emanuel Vassallo |
| Il-Viċi Sindku | Is-Sur Joe M. Abdilla |
| Il-Kunsillieri | Is-Sinjura Rose Agius<br>Is-Sur Angelo Attard<br>Is-Sur Alan Picco |
| Uffiċċjali | |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Is-Sinjura Therese Xuereb |

Aġenda

1. Minuti;
2. Tagħrif mill-Minuti;
3. Korrispondenza;
4. Materji Finanzjarji – (a) Petty Cash Awwissu 2009; (b) Skeda tal-Ħlas Awwissu 2009;
5. Problemi fl'*Area* ta' Bir-id-Deheb;
6. Xoghol fil-Gnien;
7. Tenders;
8. Suġġerimenti mill-Kunsillieri.

## 1. **Minuti**

Il-Minuti tas-Seduta precedenti Nru 4 ittieħdu bħala moqrija.

Is-Sindku staqsa kienx hemm rimarki. Peress li ma kienx hemm rimarki huwa ppropona li jkunu adottati. Issekonda l-Kunsillier Picco.

Il-Kunsill qabel unanimament.

## 2. **Tagħrif mill-Minuti**

1. Is-Sindku tkellem dwar iz-zjara li huwa ghamel fis-Slovakja bejn is-16 u 24 ta' Awwissu 2009. Is-Sur Vassallo qal li din iż-żjara kienet interessanti hafna. Il-Grupp zghar 6 postijiet li ghandhom x'jaqsmu mal-biedja, fosthom ghelieqi u irziezet fejn jigi pprocessat il-hmieg tal-annimali. Sar ukoll suggeriment li jsir monument li jirraprezenta lill-Malta fis-Slovakia u vici-versa. Qal ukoll li dan il-monument jista jkun ta pjazza li l-art taghha issir bil-granit li jingieb mis-Slovakia u din il-pjazza tkun qed tirrappreżenta is-Slovakia

2. Dwar il-kwotazzjoni li talab il-Kunsill biex tigi mnehhija sigra li tinsab fi Triq il-Miksur kantuniera ma' Dawret Hal Ghaxaq, il-Kunsill ircieva kwotazzjoni wahda. Din kienet minghand Schembri Barbros u l-ammont hu dak ta' €1,165.
   Is-Sinjura Agius staqsiet jekk id-Dipartiment ta' l-Agrikultura jew l-*Environment Landscape Co* joffrix is-servizz li ghandna bzonn.. Qalet ukoll flimkien mas-Sur Picco li l-istima ta' Schembri Barbros hi gholja u l-ahjar naraw insibux prezz orhos. Il-Kunsill qabel.

3. Kwotazzjonijiet ghal kompjuters, il-Kunsill ircieva 7 kwotazzjonijiet. Is-Segretarju qalet li l-ahjar insibu persuna li tifhem fl-IT li tkun tista tiggwidana bhala *specifications* liema hi l-ahjar kwotazzjoni. Is-Sur Abdilla qal li jaf persuna li kapaċi taghmel dan u ghalhekk is-Segretarju ser tghaddi kopji ta' dawn il-kwotazzjonijiet lis-Sur Abdilla. Il-Kunsill qabel.

4. Dwar it-talba ghal-applikazzjonijiet ghal part-time clerk, il-Kunsill ircieva zewg applikazzjonijiet, wahda minghand is-Sur John P. Busuttil u ohra minghand is-Sur Elton Dimech. Is-Segretarju qalet li ghalkemm dawn iz-zewg persuni huma kwalifikati, dawn ma ghandhomx ir-rekwiziti li ntalbu fl-avviz li nhareg jigifieri ma ghandhomx esperjenza kif jimlew applikazzjonijiet tal-U.E., kif ukoll huma *overqualified* biex jahdmu bhala *Clerks.*
   Is-Sur Abdilla qal li hu ilu jghid li dawn iż-żewġ vakanzi jridu jkunu separati ghax ix-xoghol li jinhtieg ma ghandux x'jaqsam wiehed ma l-iehor.

Is-Sinjura Agius staqsiet jekk din il-persuna tkux tista tigbor flus? Is-Segretarju wiegbet li iva skond Memo46/2009, il-Kunsilli ghalhekk se jifthu biex jaqdu in-nies u jsiru ukoll hlasijiet.
Il-Kunsill qabel li tingieb opinjoni mid-Direttur tad-Dipartiment ghal Gvern Lokali u l-ETC jekk ir-rekwiziti li ghandhom ikkumbaccjaw dak li gie mitlub.

## 3. <u>Korrispondenza</u>

3.1 Is-Segretarju nfurmat lill-Kunsill li kienu waslu ittri/emails mingħand :-

1. E-mail mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali Memo 46 rigward Ftuħ tal-Uffiċċini Amministrattivi tal-Kunsilli nhar ta' Sibt u Memo 47 dwar Inizjattiva Premju Lokalitajiet Indaf u ntbaghatet il-konferma li l-Kunsill ser jippartecipa. Ma' Memo 47, irċevejna wkoll lista ta' dawk il-Kunsilli Lokali li ser jieħdu sehem u dawk li mhux ser ikunu nvoluti. Memo 48/2009 dwar Fondi Speċjali. E-mail mingħand M.Sammut dwar id-devoluzzjoni li talab il-Kunsill tat-Turretta f'Dawret Ħal Għaxaq fejn bagħatet ukoll kopja ta' Memo 25/1999 bil-proċeduri ta' kif għandek titlob id-devoluzzjoni ta' sit. E-mail oħra mid-Dipartiment dwar verifikazzjoni ta' informazzjoni dwar xogħlijiet ta' *resurfacing* fil-lokalita' sabiex tkun tista' tiġi ppubblikata fil-gazetti lokali u ntbagħatet ukoll risposta minn naħa tagħna. Mid-Direttur tad-Dipartiment sabiex jgħarraf li ser isir Konferenza organizzata mill-*Foundation for Human Resources Development*, fis-16 ta' Ottubru, 2009;

2. E-mail mill-A.K.L., dwar Laqgħa għall-Kunsillieri ta' Malta u Għawdex, fil-5 ta' Settembru, 2009, ġewwa *Dolmen Hotel*, Buġibba, il-ħlas għal kull persuna huwa ta' €40. Laqgħa oħra għall-Kunsillieri – Reġjun Xlokk ser isir fid-19 ta' Settembru, 2009. E-mail oħra mill-President sabiex isir aktar ko-ordinament meta jiġu ffissata d-data tal-laqgħat li jsiru minn diversi Ministeri u awtorijiet fejn jiġu msejħa s-Sindki w uffiċċjali oħra. E-mail mingħand is-Sur Magro, kwestjonarju '*All 4 EU*'; E-mail oħra mill-President dwar Ġarr ta' Flus G4S; E-mail oħra mill-A.K.L. dwar Kampanja Favur l-Identita' Lokali.E-mail mis-Segretarju A.K.L. dwar Rimi ta' l-Iskart. Ircivejna ukoll l-*Endorsement Form* tal-Assikurazzjoni dwar il-Flus fil-Kunsilli Lokali.

3. Mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru irċevejna e-mail sabiex il-Kunsill jikkonferma l-attendenza tiegħu għal laqgħa dwar *European Commission* li ser isir nhar it-Tlieta, 25 ta' Awwissu, 2009. E-mail oħra tittrata dwar il-Koperazzjoni ma' Kumpaniji għall-Ġbid ta' Films;

4. Ittra mingħand is-Segretarju Parlamentari għat-Turiżmu L-Onor. Dr. Demarco dwar attivita' li ser tiġi organizzata f'kull belt u raħal bl-isem ta' 'Il-Ġimgħa tal-Bnadar' li ser issir bejn it-8 u l-15 ta' Settembru 2009.;

5. E-mail mingħand Ms Marcon Grima ta' National Immunisation Service dwar il-vaċċin ta' l-Influwenza, din importanti li tinghata minn persuna kwalifikata biex tghamel dan -;

6. Ittra mingħand City Security dwar Cash in Transit Services for Local Councils;

7. E-mail mingħand GreenPark, fejn irringrazzjaw lill-A.K.L., għal laqgħa li saret fis-7 t'Awwissu, 2009, li għalija attenda s-Sindku w mhemuża hemm wkoll r-*Registration of Interest;*

8. E-mail mingħand in-Nexos Street Lighting dwar l-estensjoni tal-kuntratt. Il-Kunsill informa li ma sab ebda oġġezzjoni;

9. Ittra mingħand l-Uffiċċju tas-Segretarju Parlamentari Dr. Jason Azzopardi fejn wieġbu l-ittra tagħna dwar il-proċedura li għandhom isiru għad-devoluzzjoni tat-Turretta, fejn qalulna li l-istess talba trid issir lid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali;

10. Ittra mingħand il-M.E.P.A dwar '*Urban Improvement Funds*' , sabiex jindikaw il-bilanċ li għandu l-Kunsill għad-dispożizzjoni tiegħu, peress li x-xogħol għadu penedenti bħal bilanċ huwa ta' € 8,490.57. Dwar l-istess fondi irċevejna ċekk ta' € 5,501.20, bħala l-ewwel pagament tal-proġett f'Ħal Dmikki.
    Applikazzjonijiet ġodda Nru. 2849/09, fi Triq Dun M.Mallia, għal alterazzjonijiet zgħar. Applikazzjonijiet ġodda Nru. 1767/09 fi Triq ta' l-Iklin biex jinbena garaxx u store fuqu, Nru. 2714/09 fi Triq Dun M. Mallia biex tinbena washroom u ssir gallarijja tal-gebel, Nru. 2812/019 fi 33 u 35 Triq St.Tereża jitwaqqa bini u jinbnew appartamenti u garaxxijiet. Applikazzjonijet ġodda Nru. 2911/09 fi Triq B'Bugia biex jinbnew serer; Nru. 3397/09 biex hanut Petshop jinbidel f'Confectionery fi Triq il-Gudja, Nru 3660/09 biex tinbena gallarija f'dar fi Triq San Gorg.
    Notifika ta' Avviż ta' Infurzar fi Triq G. Gravina fejn inbniet kamra tal-gebel tal-franka u tqieghed ta' injam.;

11. E-mail mingħand Ms G. Mallia Segretarja Bord ta' Evalwazzjoni Skema Energy Saving qed titlob x'informazzjoni mill-Kunsill dwar din l-iskema. Ingħatat risposta. Infurmat ukoll li l-Kunsill ser jiġi allokat is-somma ta' € 8,000 minflok dik ta' € 4,800;

12. Stqarrija maħruġa mid-Deputat Laburista Stefan Buontempo dwar Seperazzjoni ta' l-iskart f'attivitajiet tal-massa;

13. E-mail mingħand *Schembri Infrastructers Ltd.*, dwar il-kont għax-xogħol li sar fi Triq iċ-Ċeppun u Triq Dun M.Mallia; Is-Segretarju qalet li qed tistenna ic-certifikat minghand il-perit biex tkun tista thallas dan il-kont.

14. E-mail mingħand Daniela Borg Mizzi ta' L-ADT, rigward is-Seminar għall-Kunsill Lokali li kellu jsir nhar il-Ġimgħa, 7 ta' Awwissu, 2009, infurmat li ser jiġi pospost għal data oħra li tkun mgħarrfa aktar il-quddiem minħabba li hemm ieħor fl-istess ġurnata. Ittri mill-istess A.D.T. dwar talbiet ta' *road humps* fi Triq G. Vella u fi Triq il-Qattus li dawn ma jistghux jsiru u oħra dwar tneħħija ta' *parking bay* quddiem garage No. 3 fi Triq M. Dimech fejn ma nstabet ebda oggezzjoni.;

15. E-mail mingħand Martin Stivala HR Manager IPSL dwar *Daily Job Sheet* li trid timtela' kuljum mill-ħaddiema li għandna assenjati magħna;

16. E-mail mingħand Reuben Cauchi tal-MEUSAC, fuq kollaborazzjoni għal Programm ENPI. E-mail oħra mingħand Julian Micallef dwar *Distribution and after-sales agreements in the motor vehicle sector* seminar li ser isir fl-14 ta Settembru 2009 il GRTU;

17. E-mail mingħand l-Ispettur M. Tonna tat-traffiku sabiex jara jekk hemmx ħtieġa li jiltaqa' mall-Kunsill dwar xi problemi rigward l-istess suġġett;

18. E-mail mingħand is-Sur S. Schembri fuq il-FLAG Xlokk għal awtorizzazzjoni ta' overdraft ta' € 25,000 mingħand il-Kunsilli membri. E-mail sabiex tinforma li ser jibdew isiru diversi laqgħat fil-lokalitajiet sabiex residenti ikunu jafu dwar il-GAL u l-istess GAL talbet l-ghajnuna ta' l-Għaqdiet Lokali;

19. E-mail mingħand is-Sinj. J. Carabott dwar l-istat ħażin li tinstab fih id-Dar tal-Bebbux fejn talbet l-intervent tal-Kunsill sabiex tiġi restawrata. Il-Kunsill għarrafha li huwa kemm il-darba kiteb lil 'Din l-Art Helwa', imma risposta dejjem kienet li din mhux klassifikata bhala wirt storiku peress li hija dar privata, imma l-Kunsill ser jgħamel dak kollu possibbli sabiex isib *sponsor* u terġa' tiġi restawrata fl-istat oriġnali tagħha;.

20. E-mails mingħand is-Sur Mercieca residenti f'Bir id-Deheb rigward il-problema li għandhom f'dik iż-żona minħabba diversi raġunijiet. Iltaqa' mas-Sindku, il-Ġimgħa, 14 ta' Awwissu, 2009. Dan jixtieq li jsiru tlett *parking bays "Residents only*";

21. E-mail mingħand Ms C. Chetcuti mill-ETC dwar Women for Employment Course (time-table). Dawn il-korsijiet ser isiru f'Mejju u Gunju tal-2010. Ittra mill-ETC mingħand is-Sur V. Azzopardi Chairman Bord Skema ta' Xogħol fil-Komunita' sabiex jinfurma lis-Sur Stephen Bonnici li bħala tip ta' xogħol li se jkun assenjat li ser jagħmel mal-Kunsill huwa ta' ġardinar.;

22. E-mail mingħand C. Abela Baldacchino, dwar l-ghaxar Anniversarju minn meta il-Partit Laburista beda jikkontesta l-elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali. ;

23. E-mail mingħand Miceli Anton dwar Karnival – Baned 2010 – website version. Irċevejna wkoll ir-regolamenti neċċessarji sabiex tieħu sehem fl-attivitajiet tal-Karnival;

24. Formola għan-Nominazzjoni għall-Anzjan Tas-Sena, 2009;

25. Minghand Midsea Books Limited ghandna Vawcer ta' €100 li jissarraf f'kotba tal-Klabb Kotba Maltin.

3.2 Is-Segretarju nformat lill-Kunsill li bagħatet ittri/emails :-

a. E-mail lill-Editur ta'l-Orizzont u anke lil KulĦadd sabiex jippubblika l-avviż li għamel il-Kunsill u fl-istess ħin jigi korrett l-avviż li ġie ppublikat fit-30 ta' Lulju, 2009;

b. E-mail lill-Uffiċċju ta' l-ilment fi ħdan il-M.E.P.A., dwar risposta għal x' ilmenti li kien għamel il-Kunsill u rċevejna t-tweġiba għal dawn l-ilmenti;

c. Ittra bhala talba ghal Fondi Specjali lid-Direttur Ghal Gvern Lokali.

d. Talba ghal fondi biex issir kampanja u jinxtraw skips zghar bhala Inizjattiva Premju Lokalitajiet Indaf.

**4. Materji Finanzjarji**

4.1 *Petty Cash*: Is-Segretarju elenkat infieq li sar mill-flus fl-idejn matul Awwissu 2009 u li kienu jammontaw għal €11.83. Il-Viċi Sindku qara l-lista tan-nefqiet li saru u ressaq l-istess lista għal kummenti w ippropona li jkunu adottati. Issekondat s-Sinjura Agius u l-Kunsill approvahom.

4.2 *Skeda ta' Ħlas – Awwissu 2009*: Is-Segretarju poġġiet fuq il-Mejda Skeda ta' Ħlasijiet għax-xahar ta' Awwissu 2009 u li jammontaw għal €14,433.17.

Is-Sur Abdilla qara lista tal-pagamenti u wara ressaq l-approvazzjoni tal-Iskeda tal-ħlas u ġie sekondat mil-kunsillier Agius. Il-Kunsill qabel unanimament.

**5. Problemi fl'*Area* ta' Bir-id-Deheb;**

Is-Sur Abdilla qal li xtaq jitkellem f'isem in-nies kollha li joqghodu Bir-id-Deheb. Hu qal li mhux kontra l-kummerc izda in-nies ta' din in-naha spiccaw prugunieri fid-dar taghhom stess minhabba li l-Gimgha, Sibt u l-Hadd in-nies li jinqdew bis-servizz tal-hwienet jipparkjaw il-karozzi bl-addocc. Qabel kien hemm inqas xoghol izda illum b'aktar hwienet qed tkun problema. Is-Sur Abdilla issuggerixxa li jkun hemm pulizija jew warden. Staqsa ukoll ghalhiex is-CCTV kamera mhux qed topera.

Is-Sindku wiegeb li skond il-Kumitat Kongunt din il-kamera mhux trendi bizzejjed u waqqafha. Qal ukoll li nistghu inzidu warden.

Il-Kunsill qabel li jintbaghat warden ghal siegha fil-weekends biex b'hekk in-nies jaraw il-prezenza tal-warden u jipparkjaw sew.

Il-Vici-Sindku Abdilla qal ukoll li l-iskips li jinsabu Bir-id-Deheb dejjem mimlijin bil-kaxxi u skart tal-hwienet tal-vicin u ir-residenti ma jkollhomx fejn jarmu. Il-Kunsill qabel li jinforma lil sid il-hanut li fetah dan l-ahhar ta' l-ikel biex jaghmel skip privata ghalih.

Is-Sur Abdilla qal ukoll li wara l-hajt ta' l-ghalqa fejn hemm l-iskips hemm hafna kaxxi tal-pizza u fliexken li jehtieg li jitnehhew minhabba l-intejjen li hemm. Qal ukoll li jkun tajjeb jekk jitnaddfu l-ghelieqi tal-madwar. Il-Kunsill qabel.

Il-Vici-Sindku qal ukoll li Triq Birzebbuga hemm fetha li suppost ser tinbena u l-hajt tal-madwar qieghed fuq it-tarf tal-bankina, dan qed ikun periklu ghan-nies ghax iridu jinzlu minn fuq il-bankina biex jghaddu fit-triq. Is-Sindku qal li hu kemm il-darba cempel il-MEPA U dawn jghidulu li sid l-area mhux qed jikser il-ligi ghax bena dan il-hajt fuq il-bankina. Is-Sindku qal ukoll li se jiehu ritratti u jibghat ittra bl-avukat dwar dan il-hajt lill-MEPA u jzomm il-MEPA responsabbli jekk ikun hemm xi accident.

6. **Xoghol fil-Gnien;**

Is-Sur Vassallo qal li jixtieq li l-Kunsill japplika ghal "Guardianship" ta' dik il-bicca art li tinsab mdawra b'erba toroq, Triq il-Hannieqa, Triq tal-Qattus, Triq Giuseppi Cassar u Triq il-Bwar, bicca art ohra li hemm f'Ta' Haxum, biz-zebbug li tinsab fl-inhawi ta' Wied Ghar Dalam, kif ukoll ghal dik il-bicca art zghira li hemm Triq il-Gudja kantuniera ma Dawret Hal Ghaxaq. Qal li jistghu jinzerghu sigar u jissebhu biex ma jibqghux mitluqin.

7. **Tenders;**

Is-Sindku qal li l-Gimgħa l-oħra, fis-1:00 p.m., għalqu l-offerti għal tiġdid ta' erba' kuntratti. L-offerti nfetħu mal-ħin ta' l-għeluq u kien hemm preżenti s-Sindku, Vici-Sindku, l-kunsillier Picco flimkien mas-Segretarju fejn gew irregistrati l-offerti li waslu sal-ħin.

L-offerti nfethu u gew reġistrati d-dettalji, u gew iccekjati li kien hemm r-rikjesti mitluba.

Is-Segretarju qal li xi kuntratturi nfurmawha li diġa' għandhom *bid bond/ performance bond* magħna u se jgħamlu referenza għaliha minflok issottomettu oħra. Dan kien validu.

Il-Kunsill ġie nfurmat li waslu offerti mingħand:

b) ***Works Manager – Perit u Inġinier Ċivili* ( GhLC 04/09) :-**

**Perit M. Spiteri:-** Ippjanar ta' Progetti 1.2% Għal Laqgħat u Pariri €30/siegħa;
**(o.b.o EMDP)** Tħejjija tal-Offerti 0.8% Superviżjoni ta' Xogħolijiet 0.5%.
Ir-rati huma eskluż il-VAT

**Perit M. Ellul** :- Ippjanar ta' Proġetti 1%; Għal Laqgħat u Pariri €25/siegħa;
Tħejjija tal-Offerti 1%; Superviżjoni ta' Xogħolijiet 3.8%.
Applikazzjonijiet ghal MEPA mhux anqas minn €160 u rata ghal progetti kbar tkun ta' 1%.
Ir-rati huma eskluż il-VAT

**Perit W. Lewis:** Ippjanar ta' Proġetti 1.2% Laqgħat u Pariri €20/siegħa
Tħejjija tal-Offerti 1.25% Superviżjoni 1.50%
Ir-rati huma eskluż il-VAT

**Perit S. Formosa:** Xoghol kollu bhala Management Work 4%
Ir-rati huma eskluż il-VAT

**Perit C. Buhagiar:** Contract Manager 2%
Xoghol ta' Perit 3.9%
Xoghol ta' Manager + Perit 5%
Ir-rati huma eskluż il-VAT

Meta l-Kunsill qabbel ir-rati kkwotati ma' dawk il-ħtiġijiet li l-Kunsill l-aktar li jkun jinħtieġ matul is-sena, kif ukoll ħlasijiet oħra addizzjonali li ma jkunux ġew elenkati bħala figura, imma ndikati li jkunu jridu jitħallsu extra jekk utilizzati matul is-sena, il-Vici Sindku sekondat mill-Kunsillier Attard ippropona li jilqa' l-offerta tal-Perit Ellul.

Il-Kunsill qabel unanimament.

ċ) <u>*Provvista ta' Konkos*</u> *( GhLC 03/09):-*

| | |
|---|---|
| **Asphaltar Ltd.** | €64 kull metru kubu; |
| **Schembri Infrastructures Ltd.** | €75 kull metru kubu (excl. Management Fee); |
| **Polidano Bros.** | €66.28 kull metru kubu (aktar minn 2.5 metru kubu);<br>Anqas minn 2.5 metru kubu €14.87 extra fee |
| **Denfar Concrete Supplies** | €55 kull metru kubu; |
| **Schembri Bros u Farrugia** | €50.43 kull metru kubu; |

Fid-dawl li l-kuntratturi Schembri Bros u Farrugia huma l-orħos Offerta, il-Viċi Sindku sekondat mill-Kunsillier Agius, ippropone w li l-offerta tagħhom tkun milqugħa.

d) <u>*Traqqiegħ ta' Toroq*</u> *( GhLC 02/09):-*

| Kwotazzjoni għal Ħofor: | *Taħt M/K* | *Sa 3 M/K* | *Iktar minn 3M/K* | *Traqqiegħ kbir* |
|---|---|---|---|---|
| **Schembri Infrast. Ltd**:- | €104 | € 50 | € 40 | €8.70 |
| **Polidano Bros.** :- | €27.50 | € 27.50 | € 27.50 | €14.25 |
| **Asphaltar Const. Ltd**:- | €8 | € 12 | € 12 | €20 |
| **Catbros Ltd.**:- | €11.50 | € 22 | €14 | €16 |
| **Ell's Urban Serv. Ltd:-** | €6.50 | €7.5 | €7.50 | €13 |

Il-Kunsill huwa tal-fehema li bir-rati sottomessi, Ell's Urban Services Ltd huwa l-aktar kuntrattur b'offerta vantaġġjuża għal Kunsill. Is-Sindku qal li pero' huwa tal-opinjoni li jiċċara xi punti mal-kuntrattur u għalhekk il-Kunsill ma jippronunzjax ruħu minn issa dwar l-għoti tal-offerta.

Il-Kunsill qabel li jekk ħofor żgħar jistgħu jsiru mill-ħaddiema tal-Kunsill, niffrankaw ħafna flus u dwar dan is-Sur Vassallo jrid li jasal f'arranġament ma' l-istess kuntrattur.

Il-Kunsill qabel.

## 8. Suggerimenti mill-Kunsillieri

8.1.1 Is-Sur Attard qal li jixtieq li jorganizza Kompetizzjoni tal-Bocci u ghal dan il-ghan jixtieq li l-Kunsill jikteb lill-President tal-F.K.B, qal ukoll li minhabba li plejers Ghaxqin ma hemm min jilghab ghalhekk il-kompetituri jistghu jkunu minn irhula ohra. Il-Kunsill qabel.

8.1.2 Is-Sur Attard qal ukoll li jixtieq li tigi organizzata wirja tal-karozzi kemm antiki kif ukoll trakkijiet u show tal-*Off Road*. Qal li hu kellu laqgha flimkien mas-Sindku kif ukoll is-Segretarju mas-Sur Tony Cini ta' l-Ghaqda tal-Karozzi u dan ta' l-ahhar se jibghat email b'il-wirja li tista ssir go Hal-Ghaxaq.

Is-Sindku qal li tkun haga sabiha jekk din il-wirja issir ghal Jum Hal Ghaxaq. Il-Kunsill unanimament qabel.

8.1.3 Il-Kunsillier Attard qal ukoll li is-Sur John Camilleri u is-Sur Godfrey Salerno ser ikunu fis-Sotto Kumitat tal-Isports. Il-Kunsill qabel.

8.1.4 Is-Sindku qal li s-Surmast ta' l-iskola Primarja qallu li fis-27 ta' Ottubru 2009 ser jigi Hal-Ghaxaq grupp ta' ghalliema Germanizi u xtaq li l-Kunsill flimien ma' l-Ghaqdiet tar-rahal jiltaqghu maghhom. Meta issir il-Laqgha isir ukoll riceviment zghir. Il-Kunsill qabel li tinkiteb ittra lill-Ghaqdiet u naraw xi tkun ir-risposta.

8.1.5 Il-Vici Sindku qal li l-hadid li hemm madwar il-monument ta' Wenzu Dalli li jinsab ftit il-boghod mill-Kunsill hu baxx u perikoluz. Qal ukoll li nhar il-Festa ta' Santa Marija kien hemm zewg accidenti u l-ahjar li niktbu lil minn hu responsabbli, il-Kumitat Wenzu Dalli sabiex jew jitpoggew bocci fuq il-ponot jew inkella *flat bar* biex il-ponot ma jibqghux ta' periklu. Jekk il-Kumitat ma jghamilx dan, jehtieg li jghamel xi haga il-Kunsill ghax mar-residenti qieghed jehel il-Kunsill li ghamel dan il-hadid perikoluz. Il-Kunsill qabel.

8.1.6 Is-Sindku qal li Triq San Gorg kantuniera ma' Triq Dwardu Buttigieg hemm bankina li jehtieg li titranga, kif ukoll bankina fi Triq San Filippu titranga ghax din tizloq hafna. Il-Kunsill qabel.

8.1.7 Is-Sur Vassallo qal li fi Triq il-Hareb wara li skips hemm ghalqa mimlija imbarazz u jehtieg titnaddaf u jsir cint madwara biex ma jibqax jintefgha mbarazz go l-ghalqa. Il-Kunsill qabel unanimament.

8.1.8 Is-Sur Picco qal li qeghdin jidhlu lmenti li tal-Millieri qeghdin jsuqu iz-zwiemel. Is-Sindku qal li l-ahjar isiru tabelli fejn juru li ma jistax isir sewqan taz-zwiemel. Il-Kunsill qabel unanmimanet.

8.1.9 Is-Sindku qal li fi Triq Giuseppi Demicoli hemm karozza mitluqa kif ukoll tliet karozzi mitluqin fi Triq ta' Loretu. Is-Sur Vassallo qal li l-ahjar niktbu lill-ispettur Mercica dwar dawn. I-Kunsill qbel.

8.1.10 Is-Sindku qal li saret talba ghal mera fi Triq Kalamija. Il-Kunsill qabel.

8.1.11 Is-Sur Vassallo qal li hemm il-htiega li jsir survey biex isir water culvert fi Triq il-Gardel ghal ma dak ta' Triq San Filippu. Il-kunsill qabel.

8.1.12 Is-Segretarju ssugeriet li l-haddiema assenjati mal-Kunsill inaddfu il-water culverts minhabba x-xita li tista tghamel. Is-Sindku qal li se jiehu hsieb ta' dan. Il-Kunsill qabel.

8.1.13 Is-Sinjura Agius qalet li jehtieg li l-iskips jinhaslu kollha ghax jintnu. Is-Segretrju qalet li se tikteb il-kuntrattur. Il-Kunsill qabel.

8.1.14 Is-Sindku qal li jehtieg li nikkuntatjaw l-Accountant tal-Kunsill halli nkunu nafu kif jinsabu il-finanzi. Il-Kunsill qabel.

8.1.15 Is-Sinjura Agius ssuggeriet li nergghu nikkuntatjaw lis-Sur Schiavone dwar iz-zjara tal-Vikingi. Il-Kunsill qabel.

8.1.16 Is-Sindku qal li hemm bzonn jingieb dumper biex isir il-konkos fi Sqaq il-Gebel. Il-Kunsill qabel unanimament.

8.1.17 Is-Sur Picco qal li hemm il-htiega ta' skip quddiem Carabott tal-fjuri f'St. Philip Street. Il-Kunsill qabel.

8.1.18 Is-Sur Picco qal Ii qeghdin jidhlu hafna ilmenti dwar storbju u vandalizmu fi Gnien 2000. Is-Sindku qal li hu jaf b'dan u informa lill-pulizija izda ir-residenti ma jcemplux lill-pulizija huma meta jkun qed isir l-istorbju. Il-pulizija gew kemm il-darba izda ma jsibu lill-hadd ghax min ikun qed jghamel li storbju jkun lahaq telaq.

8.1.19 Is-Sur Picco qal li xtaq li jitlob lill-MITA password biex ikun jista jaccessa il-webpage tal-Kunsilli mid-dar. Il-Kunsill qabel li s-Segretarju tara x'tista tghamel dwar dan.

**Aggornament**

Is-Sindku fis-8.45 p.m. aġġorna s-Seduta għal nhar it-Tnejn 28 ta' Settembru 2009 fil-5.00 p.m.

**Emanuel Vassallo**
Sindku

**Therese Xuereb**
Segretarju Eżekuttiv

Ikkonfermati:- It-Tnejn 28 ta' Settembru 2009 fil 5.00pm